## *Jum il-Ġenituri*

Nhar il-Ġimgħa 14 ta' Novembru 2006, ħadna gost ħafna niltaqgħu ma' ħafna ġenituri li ġew l-iskola biex jiddiskutu l-progress u d-diffikultajiet ta' l-istudenti tagħna. Bi preparazzjoni għal din il-ġurnata, kull għalliem/a, kellu l-opportunita` jikteb dak li xtaq iwassal lill-ġenituri. Din l-informazzjoni ingħatat lill-ġenituri mill-*Form Teachers* jew minn għalliem/a oħra li kienu qed jgħinuhom.

Kull ġenitur seta' wkoll jinqeda b'din l-okkażjoni biex jitkellem direttament mal-Kap ta' l-iskola, ma' l-Assistenti Kapijiet, mal-*Counsellor* u mal-*Guidance Teachers* u b'mod speċjali ma' l-għalliema tal-Matematika, tal-Malti, ta' l-Ingliż u tas-suġġetti l-oħra kollha li xtaq.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Total %** | **Junior Lyceum Form 1** | **78** | **72** | **92%** |
| **Total %** | **Area Secondary Form 1** | **129** | **108** | **84%** |
| **Total %** | **Junior Lyceum Form 2** | **109** | **100** | **92%** |
| **Total %** | **Area Secondary Form 2** | **95** | **74** | **78%** |
| **Total %** | **Form 3** | **58** | **46** | **79%** |
| **Total %** | **Form 4** | **63** | **35** | **55%** |

Din l-istatistika turi b'mod ċar li kienu ħafna l-ġenituri li apprezzaw din il-ġurnata u ġew jitkellmu magħna. Barra minn hekk iżda, il-bidla għall-aħjar li rajna u li naraw f'ħafna studenti wara ġurnata bħal din tkompli tikkonvinċina mill-fatt li l-involviment tal-ġenituri fl-edukazzjoni tat-tfal huwa indispensabbli.

*R. Azzopardi*
Assistent Kap

## *Ftakar*

Mill-ewwel ta' Diċembru l-uniformi ta' l-iskola għandha tkun:

- Qmis ta' l-iskola
- Ingravata ta' l-iskola
- Flokk ta' l-iskola (mingħajr komma)
- Qalziet ta' l-iskola
- Ċintorin u żarbun iswed
- Ġlekk ta' l-iskola

Trid tkun taf aktar dwar l-iskola tat-tifel tiegħek?
Mela żur il-websajt tagħna
http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

Biex tirċievi l-aħħar tagħrif fuq l-iskola bl-email
ibgħat l-indirizz elettroniku tiegħek fuq
kulleggsanbenedittubco@onvol.net



# Kuntatt
## ...ma' l-iskola t'ibnek

Novembru 2006

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

## *Kodiċi ta' Imġiba, Ilbies u Dixxiplina*

F'Settembru li għadda kull student ingħata kopja tal-kodiċi ta' imġiba, ilbies u dixxiplina ta' l-iskola tagħna. Hekk kien sar fil-bidu tas-sena skolastika tas-sena l-oħra u hekk ser jibqa' jsir kull sena. Proċedura?

Le, dan imur lil hemm minn sempliċi proċedura ta' kull sena. Nagħmluha għaliex nemmnu f'dak li hemm miktub f'paġna 24 tal-Kurrikulu Nazzjonali:

'Bħala istituzzjonijiet ewlenin tas-soċjetà ċivili, l-iskejjel għandhom irawmu fl-istudenti rispett lejn l-individwi u d-dritt tagħhom li jgħixu fil-libertà, il-paċi, is-sigurtà u l-ordni'.

Il-kodiċi ta' mġiba, ilbies u dixxiplina ta' l-iskola tagħna hu għodda siewja għaliex jifhem u jitlaq mir-responsabbiltajiet li għandu jkollna lejn xulxin. L-iskop tiegħu hu li jgħinna nifhmu li d-drittijiet jitolbu minna d-dmirijiet ukoll: l-iskola lejn il-ġenituri u l-istudenti, il-ġenituri lejn l-iskola u l-istudenti, u l-istudenti lejn l-iskola u l-ġenituri.

B'hekk biss nistgħu noħolqu ambjent fejn kulħadd jaħdem flimkien, fi spirtu ta' komunità u fejn id-dixxiplina sservi biex tinkoraġġixxi mudelli ta' mġiba xierqa.

*J. Micallef*
Kap ta' l-Iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

## Innaqqsu l-aggressivita` u l-vjolenza – ir-rwol tal-ġenituri

Nisimgħu ħafna dwar il-vjolenza fiżika, verbali u emozzjonali jew - kif spiss insejħulu - l-ibbulijar. Se nippruvaw nagħtu ftit punti dwar kif l-ibbulijar, jew aħjar l-għeruq tiegħu li huma l-arroganza u l-vjolenza, innaqqsuh. Bħala ġenitur ftakar li inti l-ewwel għalliem ta' wliedek. Għalhekk:

- Mat-tfal dejjem uża kliem li juri rispett.
- Tkunx vjolenti biex tikkoreġi lil uliedek u tgħajjatx magħhom.
- Qatt turi ruħek superjuri meta tiltaqa' ma' xi ħadd differenti minnek fl-ideali politiċi, fil-kulur tal-ġilda, fit-twemmin reliġjuż u fir-razza, fost l-oħrajn. Aħna lkoll familja waħda f'dinja li qegħdin naqsmu bejnietna. Mur għal attivitajiet organizzati minn persuni differenti minnek u l-familja tiegħek.
- Involvi lil ibnek f'attivitajiet li jsaħħu valuri u attitudnijiet pożittivi. Per eżempju, l-isport isaħħaħlek l-istima tiegħek innifsek u l-enerġija toħroġ f'xi ħaġa pożittiva u mhux negattiva. Id-drama tgħallmek tuża wiċċek u ġismek biex tesprimi ruħek u ma tibżax. Involviment f'għaqdiet jiżviluppa ħiliet soċjali u ta' tmexxija.
- Għin lil uliedek jippjanaw il-ħin tagħhom aħjar. Il-ħela ta' ħin iġib miegħu tlajjar li mbagħad iwassal għal inbix li jeskala għal vjolenza verbali u anke fiżika.

L-għalliema tal-*Guidance Services*

## Il-Jum Ewropew tal-Lingwi

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ottubru l-iskola tagħna ċċelebrat il-Jum Ewropew tal-Lingwi. F'din l-okkażjoni, Ms. P. Callus, l-għalliema tal-Ġermaniż u Ms. M. Dalli, l-għalliema ta' l-Ispanjol bil-għajnuna ta' l-għalliema K. Curmi, J. Grech, E. Marmarà u M. Micallef (membri tad-dipartimenti tat-Taljan u tal-Franċiż) taw preżentazzjoni bil-*powerpoint* dwar kif tingħata merħba bil-lingwi differenti u informazzjoni oħra kulturali. L-għan ta' din l-esperjenza kien li jqajjem l-interess ta' l-istudenti dwar l-importanza li titgħallem lingwa barranija. Attività oħra li saret bl-għajnuna tad-dipartiment '*Healthy Eating*' kienet il-preparazzjoni ta' platt b'ikel tipiku minn kull pajjiż: *Pulpetta Berliner* mill-Ġermanja, *Insalata Niçoise* minn Franza, *Insalata tal-Għaġin* mill-Italja u *Churros* minn Spanja. Dan il-platt ġie servut waqt il-brejk ta' nofs in-nhar. Din l-esperjenza kompliet turi lill-istudenti li l-ikel li hu tajjeb għas-saħħa huwa wkoll ikel bnin.

*P. Callus, M. Dalli, E. Marmarà*



## Il-Homework
## kif nistgħu ngħinu bħala ġenituri?

Aħna l-ġenituri għandna sehem importanti biex uliedna jagħmlu l-*homework* kif jixraq. Dawn huma xi punti li aħna bħala ġenituri għandna nżommuhom f'moħħna.

- L-ewwel ħaġa għandna nħarsu lejn id-djarju tat-tifel ħalli naraw *x'homework* għandu jagħmel u niffirmaw il-paġna tal-ġurnata.
- Wara naraw li t-tifel jibda mill-*homework* li jrid ilestih għall-għada.
- Biex isir ix-xogħol sewwa, għandna naraw li l-post fejn isir il-*homework* ikun komdu, imdawwal, arjuż, kwiet u li ma jkunx fih distrazzjonijiet (bħal ngħidu aħna, it-televiżjoni jew ir-radju mixgħulin).
- Lil uliedna nistgħu nagħtuhom daqqa t'id billi nispjegaw fejn ma fehmux.
- Importanti ħafna li ninkoraġġuhom biex ix-xogħol li jagħmlu jkun tajjeb u fuq kollox pulit.
- Il-*homework* jinkludi wkoll xogħol ta' reviżjoni tal-lezzjonijiet tal-ġurnata, studju u qari.
- Jekk xi darba t-tifel tiegħek ikun ma jiflaħx u jkun falla l-iskola għandu jikkuntattja lil xi ħadd minn sħabu u l-*homework* jagħmlu xorta waħda, kif jaf.

Kelma ta' l-aħħar, il-*homework* m'għandna qatt nagħmluh aħna għat-tifel, għaliex inkella t-tifel ma jkun qed jitgħallem xejn.

*R. Axisa*

**Għadu kif twaqqaf *Homework Club* għal dawk l-istudenti li jixtiequ għajnuna waqt il-*homework* wara l-ħin ta' l-iskola. Dan il-*Homework Club* jilqa' l-istudenti nhar ta' Tnejn, it-Tlieta u l-Ħamis bejn 2.30 pm - 4.00 pm. Għal aktar dettalji ikkuntattjaw l-amministrazzjoni ta' l-iskola.**

# Kalendarju 2006 - 2007

**Novembru 2006**

| | | |
|---|---|---|
| Nov | 1-3 | Vaganzi tal-mid-term |
| | 9 | EXPO 06 Saħħa u Sigurta` |
| | 10 | Jum il-ġenituri (L-ewwel parti) |
| | 14 | Laqgħa ta’ l-SDP wara l-ħin ta’ l-iskola (għall-għalliema) |
| | 22 | Seminar għall-klassijiet tal-Form 4 fuq l-abbuż tas-sustanzi |
| | 22 | Turnew tal-futbol bejn grupp ta‘ skejjel – Form 1 & 2 |
| | 29 | Laqgħa għall-ġenituri fuq l-abbuż tas-sustanzi - Form 4 |

**Diċembru 2006**

| | | |
|---|---|---|
| Diċ | 1 | Laqgħa fuq l-atletika bejn grupp ta’ skejjel |
| | 4-5, 7 | Żjara ta’ l-istudenti u l-ġenituri tal-Year 6 fl-iskola tagħna |
| | 8 | Vaganza Pubblika – L-Immakulata Kunċizzjoni |
| | 12 | Turnew tal-futbol |
| | 13 | Vaganza Nazzjonali |
| | 18-22 | Ġimgħa ta’ attivitajiet għall-Milied |
| | 23 | Bidu tal-vaganzi tal-Milied |

**Jannar 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Jan | 8 | Bidu tat-tieni term |
| | 17 | Seminar ta’ nofs ta’ nhar ta’ l-SDP (għall-għalliema) |

**Frar 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Frar | 10 | Vaganza pubblika |
| | 9-16 | Eżamijiet ta’ nofs is-sena |
| | 19-20 | Vaganzi tal-karnival |

**Marzu 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Mar | 6 | Jum il-Ġenituri |
| | 15 | Laqgħa ta’ l-SDP wara l-ħin ta’ l-iskola (għall-għalliema) |
| | 19 | Vaganza pubblika |
| | 20-30 | Eżerċizzji tar-Randan |
| | 30 | Jum id-Duluri |
| | 31 | Vaganza Nazzjonali |

**April 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Apr | 4-11 | Vaganzi ta’ l-Għid il-Kbir |
| | 25 | Jum il-Premjazzjoni |

**Mejju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Mejju | 1 | Vaganza pubblika |
| | 7-11 | Eżamijiet tad-dħul għall-Junior Lyceum |
| | 23 | Laqgħa ta’ l-SDP wara l-ħin ta’ l-iskola (għall-għalliema) |
| | 28 | Seminar ta’ Ġurnata – Għeluq ta’ l-SDP (għall-għalliema) |

**Ġunju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Ġunju | 1 | Bidu tan-nofs ta’ nhari |
| | 7 | Vaganza Nazzjonali |
| | 13-15 | Eżamijiet annwali orali |
| | 18-28 | Eżamijiet annwali tal-kitba |
| | 29 | Vaganza pubblika |

**Lulju 2007**

| | | |
|---|---|---|
| Lul | 9-11 | INSET (għall-għalliema) |
| | 12 | Bidu tal-vaganzi tas-sajf |

*Dan il-kalendarju jkollu aġġornamenti f’kull ħarġa*

# Editorjal

L-ibbulijar iweġġa' lil ħaddieħor. Ġeneralment l-ibbulijar nassoċjawh ma' inċidenti fiżiċi. Iżda tajjeb ninnotaw li l-ibbulijar jista' wkoll jieħu forom differenti. L-ilsien jista' jweġġa' daqs kemm tweġġa' daqqa ta' ponn - xi drabi forsi aktar. Tifel li spiss jiġi mgħajjar b'xi difett ikun ukoll vittma ta' l-ibbulijar. Kummenti razzisti wkoll jaqgħu f'din il-kategorija ta' bbulijar verbali. Tip ieħor ta' bbulijar huwa dak imsejjaħ 'indirett', għaliex ma jkunx jagħti daqshekk fil-għajn. Eżempju ta' dan huwa meta tinqala' xi qlajja' fuq xi ħadd, jew meta tifel jiġi mwarrab mill-kumplament ta' sħabu.

Tfal li jiġu bbulijati fl-iskola għandhom tendenza li jilmentaw spiss minn uġigħ ta' ras jew ta' żaqq. It-tifel jista' wkoll ikun anzjuż aktar mis-soltu u jkun jidher li għaddej minn ċerta tensjoni. Bħala ġenituri għandna noqogħdu attenti għal dawn it-tipi ta' sintomi, speċjalment jekk jibdew iseħħu ta' spiss.

Meta t-tifel jipprova jivvinta xi skuża biex ma jmurx l-iskola, għandna nippruvaw noħdulu minn moħħu għaliex qed jagħmel hekk.

Jekk inti bħala ġenitur tinnota li t-tifel jista' b'xi mod ikun qed jiġi bbulijat fl-iskola, għandek tinkoraġġih jiftaħ qalbu ma' xi għalliem jew inkella ma' l-awtoritajiet ta' l-iskola. Żgur li l-iskola tagħmel l-almu tagħha biex toffri lill-istudenti ambjent b'saħħtu. Aħna rridu li kull wieħed mill-istudenti tagħna jieħu gost jiġi l-iskola. Bl-ebda mod m'aħna ser nippermettu lil xi ħadd itellef il-gost ta' din l-esperjenza lil ħaddieħor.

**Bord Editorjali:** ***D. Agius Muscat, P. Callus, G. Micallef, M. Zahra Sacco***
**Disinn:** ***R. Mamo, D. Parnis***

# L-akkademja taċ-Ċess

Nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru kienet ġurnata speċjali għalina l-istudenti, l-għalliema u l-ġenituri tagħna li nħobbu l-logħba taċ-ċess. Bi pjaċir, l-amministrazzjoni tal-Kulleġġ San Benedittu tat bidu uffiċjali għall-ftuħ ta' l-Akkademja taċ-Ċess li tinsab fl-iskola tagħna.

Għal din l-okkazzjoni ġew iżuruna diversi mistiedna speċjali fosthom, l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr Louis Galea. Huwa ħeġġeġ lilna l-istudenti u l-ġenituri biex nitħarrġu f'din il-logħba. Hu fakkarna biex nilagħbu u naħsbu filwaqt li nieħdu pjaċir.

Din iċ-ċerimonja ingħalqet permezz ta' *Simultaneous Chess Match* li ġiet immexxija mis-Sur Leonard Grech, *champion* taċ-ċess Malti ta' taħt is-sittax-il sena. Kien sewwa sew il-Minsitru Dr Galea li għamel l-ewwel mossa tal-logħba.

*M. Montebello*



# Rokna ta' tagħlim

Saħħa u Sigurta` huma żewġ karattri żgħar u grazzjużi li ser ikunu qegħdin iżommulna kumpanija, b'temi differenti u b'informazzjoni edukattiva għall-ġid ta' saħħitna.

**Nibdew il-ġurnata ma' Saħħa u Sigurta`**

Fis-sitta ta' filgħodu, l-iżveljarin jinstema' jdoqq, u minnufih Sigurta` toħroġ mis-sodda biex tqajjem lil ħuha Saħħa. Dratha l-kedda ta' kull filgħodu, u dan għaliex Saħħa jidhirlu li għandu jibqa' jilgħab bir-rota ma' sħabu sa tard bil-lejl. Sigurta`, mimlija eżempju, dejjem twiddbu li ladarba l-għada jridu jqumu b'saħħithom u mimlija enerġija għal ġurnata skola, għandhom jidħlu jorqdu kmieni. Barra minn hekk, huwa ta' periklu kbir li noqogħdu niġru bir-rota mat-toroq sa tard filgħaxija, speċjalment issa li beda jidlam kmieni.

Wara li jirnexxielu joħroġ mis-sodda b'għajnejh it-tnejn impeċpċin, Saħħa jibqa' sejjer dritt għall-kamra tal-banju biex jieħu xawer u jaħsel snienu. Għall-inqas, Saħħa jagħti importanza kbira lill-iġene personali, għax apparti li tqajmek fuq tiegħek u tiffriskak, ħasla tajba tgħinek tħossok aktar komdu u kunfidenti li tersaq viċin sħabek mingħajr irwejjaħ spjaċevoli.

Min-naħa l-oħra, Sigurta` taħseb biex tipprepara l-kolazzjon ta' filgħodu għaliha u għal ħuha, li normalment ikun jinkludi platt ċereali li jkun fih ħafna fibra u ftit ħalib miegħu u ftit zokkor, frotta friska u tazza laringġ frisk magħsur. Sigurta` taf li kolazzjon bħal dan huwa nutrittiv u mhux biss jgħinha tikseb l-enerġija li għandha bżonn, imma wkoll iżommha mimlija sal-ħin tar-rikreazzjoni u jgħinha tikkonċentra aktar.

Issa li saru s-sebgħa, Saħħa u Sigurta` jilbsu l-uniformi, li ta' kuljum isibuha mdendla pulita, nadifa u mgħoddija fil-gwardarobba u jiċċekjaw il-basket ta' l-iskola. Saħħa baqa' jiftakar x'kienet qaltilhom l-għalliema tagħhom fuq il-ħsara fid-dahar u fil-għonq li jikkawża basket tqil. Għalhekk, hu jieħu ħsieb li jagħmel t-*time-table* filgħaxija u jiċċekkjaha kemm qabel jorqod, kif ukoll filgħodu, qabel jitlaq lejn l-iskola. B'hekk iserraħ moħħu li miegħu jieħu BISS dak li hu essenzjali u xejn iżjed u l-piż tal-basket ikun dejjem ikkontrollat. Hu jieħu ħsieb ukoll li l-iskola jagħmel użu tajjeb mil-loker tliet darbiet fil-ġurnata, sabiex il-piż tal-basket QATT ma jaqbeż l-10% tal-piż tiegħu. B'dan il-mod Saħħa jħossu DEJJEM komdu u ħafif. U int, kemm qed tieħu ħsieb?

Saħħa

*R. Zammit*